Nru./No. 19,472
Prezz/Price
€2.52

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 7 ta' Settembru, 2015
Monday, 7th September, 2015

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,333 - 13,334
Government Notices ..... *13,333 - 13,334*

Avviżi tal-Pulizija ..... 13,334 - 13,336
Police Notices ..... *13,334 - 13,336*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 13,336 - 13,346
Employment Opportunities ..... *13,336 - 13,346*

Avviżi tal-Gvern 13,346
Notices *13,346*

Offerti ..... 13,347 - 13,370
Tenders ..... *13,347 - 13,370*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,370 - 13,384
Court Notices ..... *13,370 - 13,384*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 872

IT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

Membri "Adhoc" tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

Emenda

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 778 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2015, in-notifika relvanti għandha tinbidel kif ġej:

Skont l-Artiklu 40 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504), il-President ta' Malta ħatret lill-Perit Roderick Spiteri u Dr Carlos Bugeja biex ikunu, fuq bażi *ad hoc*, Membri tal-Bord tat-Tribunal ta' Reviżjoni Tal-Ambjent u l-Ippjanar b'seħħ mill-25 ta' Lulju, 2015.

Is-7 ta' Settembru, 2015

Nru. 873
REGOLAMENTI DWAR STIMA AMBJENTALI STRATEĠIKA (L.S. 504.102)

Ħatra ta' Membru tal-Punt Fokali dwar Stima Ambjentali Strateġika

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija skont ir-regolament 15 tar-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika (Leġislazzjoni Sussidjarja 504.102), u għall-finijiet ta' dawk ir-Regolamenti, il-Prim Ministru approva l-ħatra ta' Dr Desirée Cassar, BA, LLD, Dip. Tax, bħala Membru tal-Punt Fokali dwar Stima Ambjentali Strateġika, minflok is-Sur Alan Pulis, BEd (Hons.), Dip. Env. Sc., MSc.(Lond.). Din il-ħatra hija effettiva mill-15 ta' Awwissu, 2015 sal-11 ta' Ġunju, 2017.

Is-7 ta' Settembru, 2015

Nru. 874

ATT DWAR L-ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI (KAP. 492)

Ħatra ta' membru fuq il-Kunsill għas-Settur Volontarju

NGĦARRFU b'din illi, bis-saħħa tal-Artikolu 35 tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, il-Ministru għad-

GOVERNMENT NOTICES

No. 872

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL

"Ad hoc" members of the Environment and Planning Review Tribunal

Amendement

WITH reference to the Government Notice No. 778 published in the Government Gazette of Friday, 14th August, 2015, the relevant notice should be replaced as follows:

In terms of Article 40 of the Environment and Development Planning Act (Cap. 504), the President of Malta has appointed Perit Roderick Spiteri and Dr Carlos Bugeja to sit, on an ad hoc basis, as members of the Environment and Planning Review Tribunal with effect from the 25th July, 2015.

7th September, 2015

No. 873

STRATEGIC ENVIRONMENTAL ASSESSMENT REGULATIONS (S.L. 504.102)

Appointment of Member of the Strategic Environment Assessment Focal Point

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by regulation 15 of the Strategic Environmental Assessment Regulations (Subsidiary Legislation 504.102), and for the purpose of those Regulations, the Prime Minster has approved the appointment of Dr Desirée Cassar, BA, LLD, Dip. Tax, as member of the Strategic Environment Assessment Focal Point, in lieu of Mr Alan Pulis, BEd (Hons.), Dip. Env. Sc., MSc.(Lond.). This appointment is effective from the 15 August, 2015 to the 11 June, 2017.

7th September, 2015

No. 874

VOLUNTARY ORGANISATIONS ACT (CAP. 492)

Appointment on the Council for the Voluntary Sector

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Article 35 of the Voluntary Organisations Act,

Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili ħatret lil Dr Myrna Azzopardi LLD bħala membru fuq il-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat. Din il-kariga tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju, 2016.

Is-7 ta' Settembru, 2015

Nru. 875

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Francesca Portelli bħala Nutar delegat u konservatur fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi, u dan għall-perjodu bejn it-8 ta' Settembru, 2015 u it-18 ta' Settembru, 2015 u lin-Nutar Dr Eric Wadge bejn id-19 ta' Settembru, 2015 u l-25 ta' Settembru, 2015.

Illum, l-1 ta' Settembru, 2015.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 136

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu klassifikati bħala *Tow Zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 2015, minn nofsinhar sa nofsillejl minn Triq G. Abela u Triq l-Isqof Caruana, l-aċċess minn Triq l-Imdina għat-toroq msemmija se tkun magħluqa wkoll.

Nhar l-Erbgħa, 23 ta' Settembru, 2015 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Xmun Attard.

Nhar il-Ħamis, 24 ta' Settembru, 2015 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Xmun Attard.

Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, 2015 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Xmun Attard.

the Minister for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties has appointed Dr Myrna Azzopardi LLD as member of the Council for the Voluntary Sector. This appointment is valid until 30th June, 2016.

7th September, 2015

No. 875

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Francesca Portelli to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Clinton Bellizzi, for the period between the 8th September, 2015 and the 18th September, 2015 and Dr Eric Wadge for the period bewteen the 19th September, 2015 and 25th September, 2015.

Today, 1st September, 2015

JANET CALLEJA
For the Registrar Court of Revision of Notarial Acts

POLICE NOTICE

No. 136

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żebbuġ

On Friday, 11th September 2015, from noon till midnight from Triq G. Abela, Triq l-Isqof Caruana, access from Triq l-Imdina to the mentioned roads will also be closed.

On Wednesday, 23rd September, 2015 from 5.00 p.m. till midnight through Triq Xmun Attard.

On Thursday, 24th September, 2015 from 5.00 p.m. till midnight through Triq Xmun Attard.

On Friday, 25th September, 2015 from 4.00 p.m. till midnight through Triq Xmun Attard.

Nhar is-Sibt, 26 ta' Settembru, 2015 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Xmun Attard.

Nhar is-Sibt, 26 ta' Settembru, 2015 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Profs. Daniel Callus.

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Settembru, 2015 mis-7.00 a.m. sa nofsillejl minn Triq Xmun Attard.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Settembru, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 137

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bormla

Nhar it-Tlieta, 8 ta' Settembru, 2015 mis-6.00 a.m. 'il quddiem minn Triq il-Karmnu u l-ex parkeġġ tad-Dockyard.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Settembru, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Vetturi bi Status ta' Abbandunata/Ingombru

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf lill-pubbliku li l-vetturi msemmija hawn taħt inġabru għall-finijiet tal-Artikolu 7 (1) u (2), Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti tal-Ingombru).

On Saturday, 26th September, 2015 from 5.00 p.m. till midnight through Triq Xmun Attard.

On Saturday, 26th September, 2015 from 5.00 p.m. till midnight through Triq Profs. Daniel Callus.

On Sunday, 27th September, 2015 mis-7.00 a.m. till midnight through Triq Xmun Attard.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

7th September, 2015

POLICE NOTICE

No. 137

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Cospicua

On Tuesday, 8th September, 2015 from 6.00 a.m. onwards through Triq il-Karmnu and Ex Dockyard Parking.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

7th September, 2015

POLICE NOTICE

Impound Vehicles with a Status of Derelict/Encumbrance

The Commissioner of Police notifies the general public that the following vehicles have been removed by virtue of Article 7 (1) and (2), of Subsidiary Legislation 65.13 (Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations).

Nru. ta' Reġ. *Reg. No.*	Mudell *Make*	Data ta' Tneħħija *Date of Removal*	Lokalità *Location*	Ordni minn *Order by*	Raġuni *Reason*	NPS *NPS*
BA 721 ER	Peugeot	29/08/15	Marfa	Insp P.G Saliba PC 1591	Derelict Vehicle	GHQ/ TB/376/2015
SON 153	Opel	21/08/15	Qawra	PS 430	Encumbrance	9/V/4167/2015
EBJ 245	Peugeot	30/08/15	Mosta	PS534/PC301	Derelict Vehicle	GHQ/ TB/288/2015
FUN 083	Fiat	31/08/15	San Ġwann	PC1537	No License and Insurance	GHQ/ TB/375/2015

P578CFH	Volvo	31/08/15	Paola	PS 539	No License and Insurance	GHQ/ TB/379/2015
GP03 KXS	Mazda	31/08/15	Mosta	PS 853	No License	GHQ/ TB/378/2015
DBH 254	Toyota	31/08/15	Marsa	PC 121	No License and Insurance	GQH/ TB/377/2015
FBX 038	Mit Pajero	01/09/15	Siġġiewi	PC1039/PC1281	No License and Insurance	GHQ/RIU/24/2015
SF 07 ZNC	Mercedes	01/09/15	Birkirkara	PS 853	No License and Insurance	GHQ/ TB/381/2015

Dawn il-vetturi jinsabu fil-bitħa tal-garaxx tal-Pulizija fil-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana.

Aktar informazzjoni tinkiseb mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Taqsima A.L.E., MT Garage, il-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana Tel: 2122 4001

Is-7 ta' Settembru, 2015

All the above listed vehicles are being kept at the Police Garage, in Notre Dame Ditch, Floriana

Further information can be obtained from the Police General Headquarters, A.L.E. and MT Garage Sections, Notre Dame Ditch, Floriana Tel: 2122 4001

7th September, 2015

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U S-SAĦĦA (SAĦĦA) U MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Pożizzjoni ta' *Higher Specialist Trainee* fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) u fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata 11 ta' Awwissu, 2015)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur (People Management) (Saħħa) għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa), flimkien mad-Direttur (Immaniġjar tar-Riżorsi Umani) għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali, jilqgħu applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Higher Specialist Trainee* fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) u fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali

1.2 Vakanzi jeżistu fl-ispeċjalitajiet li ġejjin:

i. Mediċina tal-Aċċidenti u l-Emerġenza fid-Dipartiment tal-Aċċidenti u l-Emerġenza;

ii. Mediċina Ġenerali/Interna fid-Dipartiment tal-Mediċina;

iii. Anesteżija u Kura Intensiva fid-Dipartiment tal-Anesteżija, Kura Intensiva u *Pain Management;*

MINISTRY FOR ENERGY AND HEALTH (HEALTH) AND THE MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

Position of Higher Specialist Trainee in the Ministry for Energy and Health (Health) and in the Ministry for the Family and Social Solidarity

(Capacity building approval dated 11th August 2015)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director (People Management) (Health) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Energy and Health (Health) and the the Director (Human Resources Management) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for the Family and Social Solidarity, invite applications for the position of Higher Specialist Trainee in the Ministry for Energy and Health (Health) and in the Ministry for the Family and Social Solidarity.

1.2 Vacancies exist in the following specialties:

i. Accident and Emergency Medicine in the Department of Accident and Emergency;

ii. General/ Internal Medicine in the Department of Medicine;

iii. Anaesthetics and Intensive Care in the Department of Anaesthesia, Intensive Care and Pain Management;

iv. Kirurġija *Cardio-Thoracic* fid-Dipartiment tas-Servizzi Kardijaċi;

v. Kardjoloġija fid-Dipartiment tal-Kardjoloġija;

vi. Dermato-Veneroloġija fid-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Veneroloġija;

vii. Endokrinoloġija u Dijabete fid-Dipartiment tal-Mediċina;

viii. Gastroenteroloġija fid-Dipartiment tal-Mediċina;

ix. Kirurġija Ġenerali fid-Dipartiment tal-Kirurġija;

x. Mediċina Ġenito-urinarja fid-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Venerejoloġija;

xi. Ġerjatrija fid-Dipartiment tal-Ġerjatrija;

xii. Ematoloġija fid-Dipartiment tal-Ematoloġija u Onkoloġija;

xiii. Mard Infettiv u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;

xiv. Mikrobijoloġija Medika (inkluż Bakterjoloġija, Viroloġija, Mikoloġija, Parasitoloġija u Kontroll ta' Infezzjoni) fid-Dipartiment tal-Patoloġija;

xv. Neonatoloġija fid-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u l-Adolexxenti;

xvi. Newroloġija fid-Dipartiment tan-Newroxjenzi;

xvii. Ostetriċja u Ġinekoloġija fid-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija;

xviii. Onkoloġija fid-Dipartiment tal-Ematoloġija u Onkoloġija;

xix. Oftalmoloġija fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija;

xx. Kirurġija Ortopedika fid-Dipartiment tal-Ortopedija;

xxi. Otorinolaringoloġija fid-Dipartiment tal-Kirurġija;

xxii. Kirurġija Pedjatrika fid-Dipartiment tal-Kirurġija;

xxiii. Pedjatrija fid-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u l-Adolexxenti;

xxiv. Psikjatrija fid-Dipartiment tal-Psikjatrija;

xxv. Saħħa Pubblika fid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika;

xxvi. Radjoloġija fid-Dipartiment tal-*Medical Imaging*;

iv. Cardio-Thoracic Surgery in the Department of Cardiac Services;

v. Cardiology in the Department of Cardiology;

vi. Dermato-Venereology in the Department of Dermatology and Venereology;

vii. Endocrinology and Diabetes in the Department of Medicine;

viii. Gastroenterology in the Department of Medicine;

ix. General Surgery in the Department of Surgery;

x. Genito-urinary Medicine in the Department of Dermatology and Venereology;

xi. Geriatrics in the Department of Geriatrics;

xii. Haematology in the Department of Haematology and Oncology;

xiii. Infectious Disease and General Medicine in the Department of Medicine;

xiv. Medical Microbiology (including Bacteriology, Virology, Mycology, Parasitology and Infection Control) in the Department of Pathology;

xv. Neonatology in the Department of Child and Adolescent Health;

xvi. Neurology in the Department of Neurosciences;

xvii. Obstetrics and Gynaecology in the Department of Obstetrics and Gynaecology;

xviii. Oncology in the Department of Haematology and Oncology;

xix. Ophthalmology in the Department of Ophthalmology;

xx. Orthopaedic Surgery in the Department of Orthopaedics;

xxi. Otorhinolaryngology in the Department of Surgery;

xxii. Paediatric Surgery in the Department of Surgery;

xxiii. Paediatrics in the Department of Child and Adolescent Health;

xxiv. Psychiatry in the Department of Psychiatry.

xxv. Public Health in the Department of Public Health;

xxvi. Radiology in the Department of Medical Imaging;

xxvii. Mediċina ta' Rijabilitazzjoni fid-Dipartiment Newroxjenzi;

xxviii. Nefroloġija u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;

xxix. Mediċina Respiratorja u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;

xxx. Rewmatoloġija u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;

xxxi. Uroloġija fid-Dipartiment tal-Kirurġija;

xxxii. Kirurġija Vaskulari fid-Dipartiment tal-Kirurġija.

Tul tal-*assignment* u kundizzjonijet

2.1 Huwa maqbul li limitu totali ta' għaxar (10) snin *full-time*, jew żmien ekwivalenti, jingħata sabiex jiġi kkompletat it-taħriġ speċjalizzat (inkluż kemm *Higher Specialist Training* kif ukoll *Basic Specialist Training*), bl-esklużjoni tal-*maternity*, *parental*, *sick* jew *responsibility leave*. Il-kompitu tal-għaxar (10) snin mill-bidu tat-taħriġ speċifiku fl-ispeċjalità rilevanti ma jinkludix il-perjodu tal-*foundation*. Fejn persuna maħtura bħala *Higher Specialist Trainee* ma tikkompletax it-taħriġ tagħha fil-perjodu ta' għaxar (10) snin, il-Ministeru jżomm id-dritt li jagħmel *redeployment* tal-persuna fl-i*staff grade* rilevanti skont l-esiġenzi tas-servizz. Dawn it-tobba jibqgħu fl-istess skala ta' salarju li jkunu kisbu u jkunu riferiti bħala *medical officers in staff grades*.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Higher Specialist Trainee* hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax (12)-il xahar.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3.1 Is-salarju ta' *Higher Specialist Trainee* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 6, li preżentament hi €26,512.00 fis-sena bi grad sustantiv ta' *Senior Staff Grade* fit-tielet tarġa ta' Skala 6 (preżentement €24,112.68), flimkien ma' *Specialisation Allowance* ta' €5,000 fis-sena għall-ewwel sentejn, li titla' għal €5,500 mit-tielet sena 'l quddiem, li titħallas f'pagamenti kull tliet xhur b'lura.

3.2 Persuna maħtura titħalla teżerċita l-professjoni privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

xxvii. Rehabilitation Medicine in the Department of Neurosciences;

xxviii. Nephrology and General Medicine in the Department of Medicine;

xxix. Respiratory Medicine and General Medicine in the Department of Medicine;

xxx. Rheumatology and General Medicine in the Department of Medicine;

xxxi. Urology in the Department of Surgery;

xxxii. Vascular Surgery in the Department of Surgery.

Duration of assignment and Conditions

2.1 It is agreed that a total limit of ten (10) years full-time, or equivalent duration, would be given to complete specialist training (including both Higher Specialist Training and Basic Specialist Training), excluding maternity, parental, sick or responsibility leave. The ten (10) year computation from the start of the specific training in the appropriate specialty does not include the foundation period. Wherever an appointee does not complete his/her training within the ten (10) year period, the Ministry retains the right to re-deploy the appointee in the appropriate staff grade according to the exigencies of the service. Such doctors shall remain in the same salary scale they would have attained and shall be referred to as medical officers in staff grades.

2.2 The position of Higher Specialist Trainee is subject to a probationary period of twelve (12) months.

Salary pegged to the position

3.1 The salary attached to the position of Higher Specialist Trainee is equivalent to the maximum point of Salary Scale 6 (currently €26,512.00) with a substantive grade of Senior Staff Grade which starts at the third step of Salary Scale 6 (currently €24,112.68), together with a Specialisation Allowance of €5,000 per annum for the first two (2) years and rising to €5,500 as from the third year onwards, which shall be paid in three-monthly installments in arrears.

3.2 An appointee will be allowed to undertake private practice provided that:

(a) it is carried out strictly outside official working hours; and

(b) it does not interfere or conflict with the official duties or the exigencies of the service.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Higher Specialist Trainee* jinkludu dawn li ġejjin:

(a) tkun tagħmel parti mid-Dipartiment indikat u tkun taqa' taħt il-Konsulenti rispettivi u fl-aħħar nett taħt il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment;

(b) tifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ fid-Dipartiment rilevanti u huwa adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jsegwu karriera fl-ispeċjalità magħżula. Persuna maħtura tkun meħtieġa tieħu sehem fl-attivatijiet akkademiċi u ta' tagħlim inkluż riċerka u verifika, u f'laqgħat tad-Dipartiment konċernat. Hi tista' tkun mistennija wkoll li tkun involuta fl-immaniġġjar tad-Dipartiment u li terfa' responsabbilitajiet amministrattivi meta meħtieġ;

(c) tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *Basic Specialist Trainee* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każijiet iktar ikkumplikati u timmaniġjahom u għandha tiżviluppa l-ħiliet kliniċi tagħha. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-Konsulent inkarigat mill-ispeċjalità.

(d) tipprovdi servizz residenzjali *on-call* skont *roster* stabbilita li jista' jinkludi dmirijiet ta' bil-lejl. Din ir-*roster* tieħu inkonsiderazzjoni l-ħtiġijiet tat-taħriġ kif applikabbli minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz;

(e) iżżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi kurrenti fil-qasam rispettiv u tipparteċipa f'laqgħat *postgraduate* kemm f'Malta kif ukoll barra. Attivitajiet ta' riċerka jkunu inkoraġġiti u persuna maħtura tkun mistennija tiġġenera materjal għall-publikazzjoni f'publikazzjonijiet mediċi kemm lokali kif ukoll barranin;

(f) dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

(g) tagħmel użu mis-sistemi tat-Tekonoġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa).

4.2 Kandidati magħżula jistgħu jiġu mitlubi li jwettqu dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, inkluż servizzi provduti għall-Anzjani.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

Duties

4.1. The duties of Higher Specialist Trainee include:

(a) forming part of the Department indicated and is accountable to the respective Consultants and ultimately to the Clinical Chairperson of the Department;

(b) forming an integral part of the training programme of the relevant Department and is suitable for candidates wishing to pursue a career in the chosen specialty. An appointee will be required to participate in teaching and academic activities including research and audit, and meetings of the relevant Department. He/She may also be expected to be involved in the management of the Department and to take administrative responsibilities when necessary;

(c) continuing with the duties of the Basic Specialist Trainee but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated problems and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the Consultant in charge of the specialty;

(d) providing resident on-call service in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service;

(e) keeping abreast with the current developments in the respective field and participating in postgraduate meetings locally and abroad. Research activities will be encouraged and an appointee will be expected to generate material for publication in local and foreign medical publications;

(f) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

(g) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Energy and Health (Health) and the Ministry for the Family and Social Solidarity.

4.2 An appointee may be posted to any of the health care services in Malta and Gozo and will be appointed with the Ministry responsible for the respective service.

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) rreġistrati bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta u jkollhom liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(iii) fully registered with the Medical Council of Malta and in possession of a license to practice the Medical Profession in Malta;

(iv) eliġibbli li għas-suċċess tas-*Certificate of Completion of Basic Specialist Training* (CCBST) fl-ispeċjalità rilevanti maħruġa mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti (SAC) ta' Malta jew ekwivalenti sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2015.

(iv) eligible for the successful Certificate of Completion of Basic Specialist Training (CCBST) in the relevant specialty issued by the Specialist Accreditation Committee (SAC) of Malta or equivalent by not later than 31st December, 2015.

Qed jiġi kkjarifikat li qabel il-ħatra, persuna li qed tapplika għall-pożizzjonijiet ta' *Higher Specialist Trainee*:

It is being clarified that before being appointed, applicants applying for the Higher Specialist Trainee positions in:

i. fil-Mediċina tal-Aċċidenti u Emerġenza teħtieġ CCBST fil-Mediċina tal-Accidenti u Emerġenza jew ekwivalenti;

i. Accident and Emergency Medicine would require a CCBST in Accident and Emergency Medicine or equivalent;

ii. fil-Mediċina Ġenerali/Interna teħtieġ CCBST fil-Medicina jew ekwivalenti;

iii. fl-Anesteżija u Kura Intensiva teħtieġ EDA Part 1 *Exam* jew ekwivalenti u tkun temmet b'mod sodisfaċenti sentejn (2) f'Livell ta' *Basic Specialist Trainee*;

iv. fil-Kirurġija *Cardio-Thoracic* teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;

v. fil-Kardjoloġija teħtieġ CCBST fil-Mediċina jew ekwivalenti;

vi. fid-Dermato-Venereology teħtieġ CCBST fil-Mediċina jew ekwivalenti;

vii. fl-Endokrinoloġija u Dijabete teħtieġ CCBST fil-Medicina jew ekwivalenti;

viii. fil-Gastroenteroloġija teħtieġ CCBST fil-Medicina jew ekwivalenti;

ix. fil-Kirurġija Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;

x. fil-Mediċina Ġenito-Urinarja teħtieġ CCBST fil-Medicina jew ekwivalenti;

xi. fil-Ġerjatrija teħtieġ CCBST fil-Medicina jew ekwivalenti;

xii. fl-Ematoloġija teħtieġ JEW CCBST fil-Medicina jew ekwivalenti, JEW CCBST fl-Ematoloġija jew ekwivalenti;

xiii. fil-Mard Infettiv u Mediċina Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Medicina jew ekwivalenti;

xiv. fil-Mikrobioloġija Medika (inkluż il-Bakterjoloġija, Viroloġija, Mikoloġija, Parasitoloġija u Kontroll ta' Infezzjoni) teħtieġ CCBST fil-Mikrobijoloġija Medika;

xv. fin-Neonatoloġija teħtieġ CCBST fil-Pedjatrija jew ekwivalenti;

xvi. fin-Newroloġija teħtieġ CCBST fil-Mediċina jew ekwivalenti;

xvii. fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija teħtieġ CCBST fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija jew ekwivalenti;

xviii. fl-Onkoloġija teħtieġ CCBST fil-Medicina jew ekwivalenti;

xix. fl-Oftalmoloġija teħtieġ CCBST fl-Oftalmoloġija jew ekwivalenti;

xx. fil-Kirurġija Ortopedika teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;

ii. General/Internal Medicine would require a CCBST in Medicine or equivalent;

iii. Anaesthetics and Intensive Care would require EDA Part 1 exam or equivalent and has satisfactorily completed two (2) years at Basic Specialist Trainee Level;

iv. Cardio-Thoracic Surgery would require a CCBST in Surgery or equivalent

v. Cardiology would require a CCBST in Medicine or equivalent;

vi. Dermato-Venereology would require a CCBST in Medicine or equivalent;

vii. Endocrinology and Diabetes would require a CCBST in Medicine or equivalent;

viii. Gastroenterology would require a CCBST in Medicine or equivalent;

ix. General Surgery would require a CCBST in Surgery or equivalent;

x. Genito-urinary Medicine would require a CCBST in Medicine or equivalent;

xi. Geriatrics would require a CCBST in Medicine or equivalent;

xii. Haematology would require EITHER a CCBST in Medicine or equivalent, OR a CCBST in Haematology or equivalent;

xiii. Infectious Disease and General Medicine would require a CCBST in Medicine or equivalent;

xiv. Medical Microbiology (including Bacteriology, Virology, Mycology, Parasitology and Infection Control) would require a CCBST in Medical Microbiology or equivalent;

xv. Neonatology would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

xvi. Neurology would require a CCBST in Medicine or equivalent;

xvii. Obstetrics and Gynaecology would require a CCBST in Obstetrics and Gynaecology or equivalent;

xviii. Oncology would require a CCBST in Medicine or equivalent;

xix. Ophthalmology would require a CCBST in Ophthalmology or equivalent;

xx. Orthopaedic Surgery would require a CCBST in Surgery or equivalent;

xxi. fl-Otorinolaringoloġija teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;

xxii. fil-Kirurġija Pedjatrika teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;

xxiii. fil-Pedjatrija teħtieġ CCBST fil-Pedjatrija jew ekwivalenti;

xxiv. fil-Psikjatrija teħtieġ CCBST fil-Psikjatrija jew ekwivalenti.

xxv. fis-Saħħa Pubblika teħtieġ CCBST fis-Saħħa Pubblika jew ekwivalenti;

xxvi. fir-Radjoloġija teħtieġ CCBST fir-Radjoloġija jew ekwivalenti;

xxvii. fil-Mediċina ta' Rijabilitazzjoni teħtieġ JEW CCBST fil-Mediċina jew ekwivalent JEW CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;

xxviii. fin-Nefroloġijaa u Mediċina Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Medicina jew ekwivalenti;

xxix. fil-Mediċina Respiratorja u Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Medicina jew ekwivalenti;

xxx. fir-Rewmatoloġija u Mediċina Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Medicina jew ekwivalenti;

xxxi. fil-Uroloġija teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;

xxxii. Kirurġija Vaskulari teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;

Hija r-responsabilità tal-applikanti fil-pussess ta' ċertifikat ta' tlestija tal-*Basic Specialist Training* maħruġ minn istituzzjonijiet ta' akkreditazzjoni oħra barra mill-Kumitat dwar l-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabilità ta' ċertifikazzjoni ta' tlestija tal-*Basic Specialist Training,* liema dikjarazzjoni tkun trid tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-Kumitat dwar l-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu ta' xahar għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

xxi. Otorhinolaryngology would require a CCBST in Surgery or equivalent;

xxii. Paediatric Surgery would require a CCBST in Surgery or equivalent;

xxiii. Paediatrics would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

xxiv. Psychiatry would require a CCBST in Psychiatry or equivalent;

xxv. Public Health would require a CCBST in Public Health or equivalent;

xxvi. Radiology would require a CCBST in Radiology or equivalent;

xxvii. Rehabilitation Medicine would require EITHER a CCBST in Medicine or equivalent OR a CCBST in Surgery or equivalent;

xxviii. Nephrology and General Medicine would require a CCBST in Medicine or equivalent;

xxix. Respiratory Medicine and General Medicine would require a CCBST in Medicine or equivalent;

xxx. Rheumatology and General Medicine would require a CCBST in Medicine or equivalent;

xxxi. Urology would require a CCBST in Surgery or equivalent;

xxxii. Vascular Surgery would require a CCBST in Surgery or equivalent.

It is the responsibility of applicants in possession of a certificate of completion of Basic Specialist Training awarded by an accreditation body other than the Specialist Accreditation Committee (SAC) of Malta to produce a recognition statement on comparability of the certification of completion of Basic Specialist Training, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the Specialist Accreditation Committee (SAC) of Malta, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one (1) month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

Qed jiġi kkjarifikat li, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2015, l-applikanti għandu jkollhom ir-rekwiżiti kollha msemmija hawn fuq.

(v) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani) (Saħħa), Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, VLT 1171 jew mid-Direttorat għall-Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali f'Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, VLT 2000 sa mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Settembru, 2015. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

It is being clarified that, applicants must have all the above mentioned requirements by not later than 31st December, 2015.

(v) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience.

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

8.1 Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the People Management Directorate (Health), Ministry for Energy and Health (Health) at Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, VLT 1171 or by the Human Resources Management Directorate, Ministry for the Family and Social Solidarity at Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT 2000, by not later than noon (Central European Time) of Wednesday, 30th September, 2015. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 L-applikanti għandhom jindikaw b'mod ċar għal liem speċjalitajiet indikati f'paragrafu 1.2 qed japplikaw. Fil-każ ta' applikanti li għandhom CCBST fil-Mediċina, fil-Kirurġija jew fil-Pedjatrija, dawn għandhom ukoll iniżżlu l-ispeċjalitajiet li għalihom qed japplikaw f'ordni ta' preferenza fil-Formola ta' Dikjarazzjoni xierqa li tista' tiġi aċċessata permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt). Barra minn hekk, fil-każ ta' applikanti li jixtiequ japplikaw għal aktar minn speċjalità waħda, formola tal-applikazzjoni separata flimkien mad-dokumentazzjoni sussidjarja għandha tintbagħat għal kull speċjalità li għaliha qed japplikaw.

8.3 Qed jiġi nnutat li fil-każ li l-Formola ta' Dikjarazzjoni ma tasalx għand id-Direttorat riċeventi sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-Ministeru jżomm id-dritt li jassenja persuna magħżula fi speċjalità skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

kundizzjonijiet oħra marbuta mal-*assignment*/kuntratt*;*
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbilità;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=372) jew jinkisbu mid-Direttorat għall-Prattiki tar-Riżorsi Umani (Saħħa), Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, VLT 1171 jew mid-Direttorat għall-Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali f'Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, VLT 2000. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat riċeventi huwa +356 2299 2604 filwaqt li l-indirizz tal-*email* huwa (recruitment.meh-health@gov.mt). L-indirizz tal-*email* tad-Direttorat għall-Immaniġjar tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali huwa (hr.mfss@gov.mt).

Is-7 ta' Settembru, 2015

8.2 Applicants must indicate clearly which of the specialties indicated in paragraph 1.2 they are applying for. In the case of applicants with a CCBST or equivalent in Haematology and Oncology, Medicine, Paediatrics and Surgery, they must furthermore list the specialties being applied for in order of preference in the appropriate Declaration Form which may be accessed through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt). Furthermore, in the case of applicants who wish to apply for more than one specialty, a separate application form, together with supporting documentation, must be submitted for each specialty applied for.

8.3 It is noted that in the event that a complete Declaration Form is not received by the receiving Directorate by the closing time and date of this call for applications, the Ministries reserve the right to assign a successful applicant to a specialty in accordance with the exigencies of the Public Service.

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the conditions relating to the assignment/contract;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=799) or may be obtained from People Management Directorate (Health), Ministry for Energy and Health (Health), at Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, VLT 1171, or from the Human Resources Management Directorate of the Ministry for the Family and Social Solidarity at Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT 2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate is +356 2299 2604 and the e-mail address is (recruitment.meh-health@gov.mt). The e-mail address for the Human Resources Management Directorate of the Ministry for the Family and Social Solidarity is (hr.mfss@gov.mt).

7th September, 2015

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post/Postijiet *Part-Time* u/jew *Full-Time* ta' Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka I jew II jew III
OPE – Proġett Horizon2020
***(Open Payments Ecosystems)* u**
Proġetti Oħra Meħuda mid-Dipartiment tax-Xjenza tal-Kompjuter Fakultà għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

1. Applikazzjonijiet qed jintlaqgħu għal Uffiċjali ta' Sostenn tar-Riċerka biex jaħdmu fuq *"Open Payments Ecosystems"* (OPE), proġett iffinanzjat mill-Kummissjoni tal-UE fi ħdan il-Programm HORIZON 2020, proġetti oħra meħuda mid-Dipartiment tas-Xjenza tal-Kompjuter. Iktar informazzjoni fuq dawn il-proġetti tista' tinkiseb mis-sit (http://www.um.edu.mt/ict/cs/research/projects).

2. L-applikanti li japplikaw għall-post irid ikollhom fil-pussess tagħhom dan li ġej:

Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka I – L-ewwel grad fix-Xjenza tal-Kompjuter jew qasam relatat mill-viċin
Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka II – Grad ta' *Masters* fix-Xjenza tal-Kompjuter jew qasam relatat mill-viċin
Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka III – PhD fix-Xjenza tal-Kompjuter jew qasam relatat mill-viċin

Żewġ postijiet huma miftuħa: post tar-riċerka, u post ta' żviluppatur. Il-maħtur/a fir-riċerka jrid idealment ikoll sfond fl-assikurazzjoni ta' kwalità tas-*software,* li jinkludi verifikazzjoni *runtime* u ttestjar. Il-maħtur/a bħala żviluppatur irid ikollu/ikollha sfond qawwi ta' żvilupp tas-*software*, idealment b'esperjenza fl-applikazzjoni ta' *software standard* ta' tekniki u għodda fl-inġinerija, biex j/tizviluppa *software* robust u estendibbli. Il-maħtur/a għall-post tar-riċerka i/tkun mistenni/ja li jkollu/jkollha grad fil-*Masters'* jew ogħla. Dan mhux rikjest għall-pożizzjoni ta' żviluppatur.

L-Università ta' Malta hi *Equal Opportunity employer***.**

3. Dan il-post hu għal perjodu ta' tmintax-il xahar għall-proġett tal-OPE fuq bażi *full-time* jew *part-time*. Ir-remunerazzjoni hija kif ġej:

Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka I – EUR20,800 fis-sena jew EUR10 fis-siegħa
Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka II – EUR24,960 fis-sena jew EUR12 fis-siegħa
Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka III – EUR31,200 fis-sena jew EUR15 fis-siegħa

4. Il-kandidati għandhom jibgħatu ittra tal-applikazzjoni, kopja tal-*curriculum vitae* u kopja taċ-ċertifikati. L-applikazzjonijiet iridu jintbgħatu permezz ta' *e-mail* lil (projects.hrmd@um.edu.mt) u jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 14 ta' Settembru, 2015.

UNIVERSITY OF MALTA

Post/s of Part-Time and/or Full-Time Research Support Officer I and II or III
OPE – Horizon 2020 Project
(Open Payments Ecosystems) and
Any Other Projects Undertaken by the Department of Computer Science, Faculty of Information and Communication Technology

